



Kunsill Ewropew

Brussell, 29 ta' Ottubru 2019  
(OR. en)

EUCO XT 20025/1/19  
REV 1

CO EUR 30  
BXT 92

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew (Artikolu 50)

---

B'kunsiderazzjoni għall-eżitu tal-proċedura bil-miktub (XM 20003/19) u skont l-Artikolu 10(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, id-Delegazzjonijiet isibu fl-Anness id-Dikjarazzjoni msemmija hawn fuq għall-minuti tal-Kunsill Ewropew (Artikolu 50).

### **Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew (Artikolu 50)**

Fis-17 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill Ewropew approva l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2019, li fihom approva l-Ftehim dwar il-ħruġ u stieden lill-Kummissjoni, l-Parlament Ewropew, u l-Kunsill biex jieħdu l-passi meħtieġa bil-ħsieb tal-konklużjoni tiegħu, il-Kunsill Ewropew jistenna li r-Renju Unit jipproċedi b'mod parallel bir-ratifika tiegħu sabiex jidħol fis-seħħ kmieni kemm jista' jkun.

Bil-ħsieb li tkun permessa l-finalizzazzjoni tal-passi kollha meħtieġa għar-ratifika tal-Ftehim dwar il-ħruġ, inkluż li tkun inkisbet l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, u l-Kunsill Ewropew jaqbel ma' estensjoni ulterjuri tal-perijodu skont l-Artikolu 50(3) TUE. Jinnota li l-Ftehim dwar il-ħruġ ser jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jitlestew il-proċeduri ta' ratifika mill-Partijiet matul dan il-perijodu, li jintemm sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2020.

Il-Kunsill Ewropew jiddikjara b'mod qawwi li jeskludi kwalunkwe ftuħ mill-ġdid tal-Ftehim dwar il-ħruġ fil-futur u jfakkar li kwalunkwe impenn, dikjarazzjoni jew att ieħor unilaterali mir-Renju Unit jenħtieġ li jkun kompatibbli mal-kelma u l-ispirtu tal-Ftehim dwar il-ħruġ, u ma jridx ifixkel l-implimentazzjoni tiegħu.

Il-Kunsill Ewropew jinnota li, matul din l-estensjoni ulterjuri, ir-Renju Unit ser jibqa' Stat Membru sad-data l-ġdida tal-ħruġ, bi drittijiet u obbligi sħaħ f'konformità mal-Artikolu 50 TUE, inkluż l-obbligu li jissuġġerixxi kandidat sabiex jinħatar membru tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-impenn min-naħa tar-Renju Unit li jaġixxi b'mod kostruttiv u responsabbli matul l-estensjoni f'konformità mad-dmir ta' kooperazzjoni leali u jistenna li r-Renju Unit jissodisfa dan l-impenn u l-obbligu tat-Trattat b'mod li jirrifletti s-sitwazzjoni tiegħu bħala Stat Membru li ħiereġ. Għal dan il-għan, ir-Renju Unit għandu jiffaċilita l-ksib tal-kompiti tal-Unjoni u joqgħod lura milli jwettaq kwalunkwe miżura li tista' tipperikola l-ksib tal-oġġettivi tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jipparteċipa fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni.

Il-Kunsill Ewropew ifakkar li, minbarra laqgħat skont l-Artikolu 50 TUE, is-27 Stat Membru u l-Kummissjoni ser ikompli, fejn xieraq flimkien mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji l-oħra tal-Unjoni, jiltaqgħu b'mod separat fil-livelli kollha biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mas-sitwazzjoni ta' wara l-ħruġ tar-Renju Unit.

---